MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2005

Citazzjoni Numru. 895/2003

**A u martu B, C u martu D.**

**vs.**

**Direttur tar-Registru Pubbliku ta' Malta.**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici datata l-1 ta' Settembru 2003 a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-attur A jigi missier l-attur l-iehor C li qeghdin jaghmlu din il-kawza flimkien man-nisa rispettivi taghhom;

Illi omm l-attur A meta kienet xebba kien kunjomha Desain kif jidher kemm mic-certifikat tal-mewt taghha li jgib in-numru ta' iskrizzjoni 3051 tas-sena 1948 kif ukoll mic-certifikat tal-mewt ta' ohtha Esther li jgib in-numru ta'

iskrizzjoni 1400 tas-sena 1994 u mic-certifikat tal-mewt ta' ommha Carmela li jgib in-numru ta' iskrizzjoni 1131 tas-sena 1972 lkoll mahruga mir-Registru Pubbliku ta' Malta kopji ta' liema qed jigu hawn annessi u mmarkati Dok "A", "B" u "C" rispettivament.

Illi fuq ic-certifikat tat-twelid ta' l-attur A mahrug mir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru ta' iskrizzjoni 2957 tas-sena 1944 (Dok "D") il-kunjom ta' ommu Aine xebba tnizzel bhala Testaferrata biss u mhux Testaferrata Desain. Ghal din ir-raguni l-attur A qatt ma setgha juza' kunjom ommu xebba u cioe` Desain;

Illi ghal din ir-raguni kunjom l-attur A gie rregistrat bhala Bugeja biss anke fic-certifikat taz-zwieg tieghu mahrug mir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru ta' iskrizzjoni 2439 tas-sena 1973 li qed jigi hawn anness u mmarkat (Dok "E") u b'hekk fuq dan l-istess certifikat jidher ukoll li l-mara tieghu, l-attrici Maria ghandha tkun maghrufa bil-kunjom Bugeja biss;

Illi fuq ic-certifikat tat-twelid ta' l-attur C mahrug mir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru ta' iskrizzjoni 2991 tas-sena 1974 li qed jigi hawn anness u mmarkat (Dok "F") il-kunjom tal-genituri tieghu A u Marie Fatima tnizzel bhala Bugeja;

Illi l-attur C huwa llum mizzewweg u anke fic-certifikat tieghu mahrug mir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru ta' iskrizzjoni 1939 tas-sena 2002 li qed jigi hawn anness u mmarkat (Dok "G") il-kunjom tieghu gie mnizzel bhala Bugeja biss u b'hekk fuq dan l-istess certifikat il-mara tieghu Joanna Bugeja ghandha tkun maghrufa bil-kunjom Bugeja biss;

Illi l-attur A kien regolarment igib il-kunjom Bugeja Desain u l-kunjom Bugeja tnizzel fid-diversi certifikati hawn fuq imsemmija bi zball;

Illi ulied l-attur A igibu l-kunjom Bugeja Desain *stante* illi kunjom il-genituri tnizzel fic-certifikat tat-twelid taghhom bhala Bugeja Desain (Dok "H");

Illi ghalhekk l-atturi talbu li l-konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandiex tawtorizza li ssir il-korrezzjoni fuq is-segwenti certifikati:

1. Ic-certifikat tat-twelid ta' l-attur A mahrug mir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru ta' iskrizzjoni 2957 tas-sena 1944 billi jizdied il-kunjom bhala xebba Desain wara l-kunjom ta' ommu Aine u cioe` wara l-kunjom Bugeja nee Testaferrata;

2. Ic-certifikat taz-zwieg ta' bejn l-atturi A u Marija konjugi Bugeja mahrug mir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru ta' iskrizzjoni 2439 tas-sena 1973 billi jizdied il-kunjom Desain wara l-kunjom ta' l-attur A u cioe` wara l-kunjom Bugeja;

3. Ic-certifikat tat-twelid ta' l-attur mahrug mir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru ta' iskrizzjoni 2991 tas-sena 1974 billi jizdied il-kunjom Desain wara l-kunjom tal-genituri tieghu A u Marie Fatima u cioe` wara l-kunjom Bugeja;

4. Ic-certifikat taz-zwieg ta' bejn l-atturi C u Joanna kunjugi Bugeja mahrug mir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru ta' iskrizzjoni 1939 tas-sena 2002 billi jizdied il-kunjom Desain wara l-kunjom ta' l-attur C u cioe` wara l-kunjom Bugeja.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici u l-lista tax-xhieda a fol 3 u 4 tal-process.

Rat id-dokumenti esebiti a fol 5 sa 13.

Rat il-pubblikazzjoni skond il-ligi fil-Gazzetta tal-Gvern datata 3 ta' Ottubru 2003.

Rat id-Digriet li jipprovdi ghall-prezentata tal-partijiet datat 5 ta' Jannar 2004.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut id-Direttur tar-Registru Pubbliku fejn espona bir-rispett:

1. Illi peress illi jirrizulta mill-Att tat-Twelid bin-numru tar-registrazzjoni 3879 tas-sena 1910 (Dok "A") ta' Giuseppina mart Anthony Bugeja, illi missierha kien jismu u konjomu "Antonio Testaferrata Cassar Desain" u mhux "Desain" jew "Testaferrata Desain" kif qed jigi ndikat fit-tieni u fit-tielet premessa rispettivament tac-citazzjoni attrici; il-premessi kollha illi fuqhom l-atturi qed jibbazaw it-talbiet taghhom jigu vanifikati u ghalhekk it-talbiet attrici ghanhom jigu respinti.

2. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att ta' l-Istat Civili mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' l-istanti;

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku flimkien mal-lista tax-xhieda datati a fol. 23 u 24 tal-process u d-dokument esebit a fol 25.

Rat il-verbali tal-24 ta' Frar 2004, tal-5 ta' Mejju 2004 fejn Dr Jacqueline Borg ghall-atturi pprezentat l-affidavits attrici *seduta stante* u ddikjarat li m'ghandiex provi aktar. Il-kawza giet differita ghall-4 ta' Novembru 2004 ghall-prezentata tal-affidavits tal-konvenut.

Rat l-affidavits ta' **C, Marie Fatima Bugeja u A** (minn fol 29 sa fol 32), u d-dokumenti hemm esebiti (minn fol 33 sa fol 46).

Rat il-verbali tal-4 ta' Novembru 2004, tas-7 ta' April 2005 u tat-23 ta' Gunju 2005 fejn Dr Roma D'Alessandro ghall-konvenut ipprezentat l-affidavit tar-**rapprezentat tad-Direttur Registru Pubbliku**. Id-difensuri trattaw il-kaz. Dr Borg ghamlet referenza ghas-sentenza Cit Nru 1294/95 deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-16 ta' Dicembru 2003. Dr Roma d'Alessandro talbet li taghmel nota ta'

referenzi. Il-Qorti laqghet it-talba u preffiggiet terminu ta' 20 gurnata lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jirrapprezenta n-nota tieghu bin-notifika lid-difensuri tal-kontro-parti li jkollu l-istess terminu ghan-nota responsiva. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' Novembru 2005.

Rat in-nota ta' referenzi datata 13 ta' Lulju 2005 prezentata mid-Direttur Registru Pubbliku.

Rat in-nota responsiva tal-atturi datata 22 t'Awissu 2005 ghan-nota ta' referenzi tad-Direttur Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi din il-kawza tittratta dwar talba ghall-korrezzjoni fic-Certifikat tat-Twelid ta' l-attur A li jgib in-2957/1944, fic-certifikat taz-zwieg tal-bejn l-atturi A u Maria konjugi Bugeja li jgib in-numru 2439/1973, fic-certifikat tat-twelid ta' l-attur C li jgib in-numru 2991/1974 u fic-certifikat taz-zwieg bejn l-atturi C u Joanna konjugi Bugeja li jgib in-numru 1939/2002 *stante* li l-atturi, u parikolarment A w ibnu C qed jallegaw li fil-fatt huma kienu dejjem maghrufa bil-kunjom “Bugeja Desain” u mhux “Bugeja” kif indikat fl-istess certifikati kollha li jirreferu ghac-certifikati tat-Twelid u taz-zwieg rispettivi taghhom.

Illi fil-fatt l-attur A jallega li meta kienet xebba ommu kellha l-kunjom Desain u jghid li dan jirrizulta mic-certifikat tat-twelid taghha Numru 3051/1948, minn dak ta' ohtha Esther Numru 1440/1994 u minn dak tac-certifikat ta' ommha Carmela Numru 1131/1972, esebiti rispettivament bhala Dok. “A”, B” u “C”.

Illli fil-fatt minn ezami ta' l-istess dokumenti stess jidher li Aine Bugeja omm l-attur A, *in verita`* kellha kunjom ta' xebba ta' Testaferrata Desain u mhux Desain, u dan

ghaliex kunjom missierha kien fil-fatt “Testaferrata Desain”. Dan jinsab ikkonfermat ukoll mic-certifikat tal-mewt ta’ omm l-attur A stess Nru 3051/1948, mic-certifikat taz-zija ta’ l-attur Esther Nru 1400/1994 u mic-certifikat tal-mewt tan-nanna ta’ l-attur Carmela Nru 1131/1972, li jikkonfermaw li kunjomhom hu “Testaferrata Desain”.

Illi l-istess attur isostni li peress li fic-certifikat tat-twelid tieghu Numru 2957/1944 ommu tnizzlet bhala Aine Bugeja nee’ Testaferrata biss kif jidher minn Dok. “D” huwa ma setghax juza’ kunjom ommu Desain; ghall-istess raguni huwa gie ndikat bhala Bugeja biss fic-certifikat taz-zwieg tieghu ma’ Maria Fatima Certifikat Numru 2439/1973 – Dok. “E”; ibnu l-attur l-iehor C gie ndikat bhala Bugeja biss fic-certifikat tat-twelid tieghu Numru 2991/1974 (Dok. “F”), u fic-certifikat taz-zwieg sussegwenti ta’ l-istess attur ma’ l-attrici Dnee’ Ellul – Certifikat taz-Zwieg Numru 1939/2002 – Dok. “G”).

Illi l-atturi A u C qed isostnu li huma kienu dejjem maghrufa bhala “Bugeja Desain” u esebew diversi dokumenti sabiex jikkonfermaw dan u ghalhekk talbu li fic-certifikati tat-twelid taghhom u taz-zwieg ma’ l-atturi l-ohra, konjugi rispettivi taghhom issir korrezzjoni fil-konjom taghhom b’dan li huma jigu ndikati bhala Bugeja Desain.

Illi kif inghad fis-sentenza **“Marcello Basile-Fasolo maghruf bhala Marcello Basile Cherubino vs Direttur tar-Registru Pubbliku”** (P.A. (RCP) – l-1 ta’ Ottubru 2002) l-**artikolu 4 (3) tal-Kap 16** li jipprovdi li:

“*Ulied iz-zwieg jiehdu kunjom missierhom, li warajh jistghu jzidu kunjom xbubit ommhom”.*

Illi *in verita`* t-talba odjerna qed issir *ai termini* tal-**artikolu 253 tal-Kap 16**, li jirreferi ghall-talba gudizzjarja sabiex isir bdil fl-isem jew ismijiet tal-attur u mhux fuq kunjom, izda *ai fini* ta’ din il-kawza din il-Qorti tirreferi ghal dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **“Damian Damian Schembri vs Direttur tar-Registru Pubbliku”** (P.A. (JAF) 1 ta’ Frar 2001) fejn inghad:-

*"Wara li kkunsidrat l-imsemmija sottomissjonijiet il-Qorti hija tal-fehma li t-terminu "isem" fl-***artiklu 253 tal-Kap 12** *– ghalkemm lingwistikament huwa minnu li jista' wkoll jikkomprendi fih il-kunjom ta' persuna` - kien u hu kunjom jew "surname". Fil-lingwa Franciza, bhala f'ilsna ohra, tinzamm differenza aktar netta bejn dak li jissejjah "pernom" minn dak li hu "nom de famille". Hu veru li fl-imsemmi artiklu hemm imsemmi wkoll li kull korrezzjoni tapplika wkoll ghal "dixxendenti ulterjuri", pero` din hija "lapsus", oppure kopertura tal-possibilita` li kemm-il darba isem ta' axxendenti jkun inbidel minn, per ezempju, "Paul" ghal "A", tali korrezzjoni, talvolta milqugha, trid tibqa' tigi annontata. Pero` mid-dibattiti parlamentari jemergi li "ratio legis" kien dak biss li jaghmilha possibbli li f'kazi idoneji l-isem (il-"first name" jew "prenom") ikun jista' jigi mibdul – imma mhux il-kunjom, ammeno che` ma jkunx hemm zball".*

*"Id-diversi sentenzi citati mill-attur juru biss li l-Qrati accettaw korrezzjonijiet fis-sens ta' inkluzjoni ta' kunjom genitur imma qatt ma accettaw bdil jew zieda ta' kunjom jekk mhux ghax ikun sar zball x'imkien. Il-kunjomijiet "Magro" u "Magri", msemmijin mill-attur fil-kawza citata minnu, dejjem gew meqjusa bhala differenti minn xulxin. Ghalhekk jekk xi hadd ikun gie mnizzel bhala "Magro" minflok "Magri", jew vice-versa, jkun jammonta ghal zball u bhala tali jkun soggett ghall-korrezzjoni jekk l-izball jigi ppruvat."*

Illi din giet ikkonfermata fis-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fl-istess ismijiet **"Damian Damian Schembri vs Direttur tar-Registru Pubbliku"** (A.C (VDG) (AD) (AJM) tas-16 ta' Dicembru 2003) u fejn l-istess Qorti, in kwantu anke rilevanti ghall-kaz odjern sostniet li:-

*"Qatt ma kien il-hsieb tal-legislatur li jawtorizza bdil fil-kunjomijiet. Kif gie ritenut minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tal-14 ta' Frar, 1947 fl-ismijiet* ***"A Cutajar vs Avv. Dr. John Scicluna noe"*** *– sentenza li, ncidentalment, ma segwietx sentenza precedenti tal-Prim Awla tal-31 ta' Ottubru, 1930 fl-ismijiet* ***"Michele Mc Lean gia` Abdilla vs Notaro Salvatore Cremona nomine et"****, din ta' l-*

*ahhar citata b'approvazzjoni minn din il-Qorti aktar recentement* fis-sentenza, li ghaliha jaghmel hafna referenza l-appellant, u cioe` ***"John Zammit maghruf bhala John Edward Zammit Pace vs Direttur tar-Registru Pubbliku"***, 2 ta' Marzu, 1994:

*"…hija haga maghrufa illi l-ligijiet ta' l-istat civili, bir-registrazzjoni ta' l-attijiet tat-twelid u taz-zwieg, kif ukoll tal-mewt, hija haga wisq importanti ghall-hajja civili tas-socjeta`, peress illi minn dawk l-annotazzjonijiet jiddependu hafna drittijiet tac-cittadini. Issa l-kunjom ta' familja, kif inhu l-partimonju ta' l-individwu, li l-familja ma tistax tinnegalu, huwa wkoll il-patrimonju tal-familja li ghandha certu nteress li l-membri taghha jkunu maghrufa b'dak il-kunjom; u huwa wkoll patrimonju tas-socjeta` d-distinzjoni rispettiva tal-familji. Din hija l-bazi u l-ordni ta' kull socjeta`, u ghalhekk teoritikament ma jistax ikun permess lil persuna, l-ghaliex il-kunjom taghha ma joghgobhiex, taghzel kunjom iehor li jidhrilha li hu isbah, u forsi izjed skond l-idejat moderni prevalenti, u taddotta "marte proprio" dak il-kunjom gdid. Kieku jkun hekk, il-konsegwenza tkun id-dizordni u l-konfuzjoni fis-socjeta`, jekk kwantita` kbira ta' cittadini juzaw minn dak, jekk huwa dritt".*

*"F'din il-kawza, cioe` ta'* ***"Cutajar vs Scicluna"****, il-Qorti ta' l-appell laqghet l-appell tad-Direttur tar-Registru Pubbliku u rrevokat is-sentenza tal-Prim' Awla li kienet ordnat annotazzjoni fic-certifikat tat-twelid tal-attur biex jigi ndikat li huwa kien, permezz ta' att pubbliku fl-atti tan-Nutar Paul Pellegrini Petit, biddel kunjomu minn "Cutajar" ghal "Hamilton Cutajar".*

Illi ghalhekk abbazi ta' dawn l-insenjamenti jirrizulta li applikati l-principji *de quo* ghall-kaz odjern jirrizulta li abbazi ta' dak li jipprovdi l-**artikolu 4 (3) tal-Kap 16** kunjom omm l-attur setgha biss ikun Bugeja Testaferrata Desain – dan ghaliex kunjom missierha kien Testaferrata Desain; l-istess huwa kkonfermat mill-maggoranza tac-certifikati esebiti fejn jidher car li l-atturi allura qatt ma setghu jitlolbu li jzidu l-kunjom ta' Desain ma' dak ta' Bugeja, izda *se mai* dak ta' Testaferrata Desain; haga li

mhux qed jaghmlu f'din il-kawza; fil-fatt huma qed jitolbu li l-kunjom taghhom ma' jigix indikat bhala dak ta' Bugeja izda dak ta' Bugeja Desain, u dan ghaliex qed jghidu li kemm fil-fatt dak huwa l-kunjom li korrettament kellu jkun indikat lilhom skond il-ligi u kif ukoll ghaliex maghrufin hekk.

Illi dwar l-ewwel punt jirrizulta li mid-dokumenti esebiti mill-atturi stess il-kunjom li setgha jintalab biex jizdied ma' dak ta' Bugeja anke fl-applikazzjoni ta' l-**artikolu 4 (3) tal-Kap 16** ma huwiex dak ta' "Desain" izda *se mai* dak ta' "Testaferrata Desain"; anzi ghall-korrettezza jekk wiehed jiehu in konsiderazzjoni l-eccezzjonijiet tal-konvenut tas-16 ta' Frar 2004 u l-affidavit tieghu tat-22 ta' Gunju 2005, u c-certifikat tat-twelid ta' Giuseppina mart Anthony Bugeja (omm l-attur A) Certifikat Numru 3879/1910 – Dok. "A" – fol. 25 tal-process) il-kunjom korrett kellu jkun adirittura "Testaferrata Cassar Desain". Ghalhekk l-azzjoni attrici fuq dan il-punt u skond il-premessi u t-talbiet attrici ma' tistax tigi accettata ghaliex fattwalment hija nkoretta u legalment hija nfondata.

Illi fit-tieni lok abbazi ta' l-insenjamenti fuq indikati l-allegazzjoni li l-atturi A u C jallegaw li kienu juzaw il-kunjom ta' "Bugeja Desain" ma ghandha l-ebda effett u portata legali u dan ghaliex dan l-allegat uzu ma jfissirx li tali korrezzjoni mitluba ghandha tigi milqugha, *stante* li tali uzu ma jaghti d-dritt lil hadd li jbiddel kunjomu ghaliex hekk ihoss u dan billi jadotta dak li jixtieq huwa; hawn naturalment il-Qorti qed tirreferi wkoll ghall-ahhar insenjamenti fis-sentenza gja citata ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kaz ta' **"Damian Damian Schembri vs Direttur tar-Registru Pubbliku"** (A.C (VDG) (AD) (AJM) tas-16 ta' Dicembru 2003).

Illi f'dan il-kuntest issir riferenza wkoll ghal dak li nghad fis-sentenza "**Karmnu Balzan Mqareb vs Margaret Mortimer noe et"** (A.C. 29 ta' Novembru 1971) b'dan li huwa car li ma huwiex permess li persuna "*taddotta morte proprio dak il-kunjom gdid. Kieku jkun hekk il-konsegwenza tkun id-dizordni u l-konfuzjoni tas-socjeta`*

*…"* - ("**A Cutajar vs Dr J Scicluna noe"** Qorti tal-Appell – 14 ta' Frar 1947.

Illi s-sentenzi **"Bertram Padovani Ginies maghruf bhala Bertram Padovani vs Direttur tar-Registru Pubbliku"**; is-sentenza datata 31 ta' Ottubru 1930 fl-ismijiet **"Michele Mc Lean gia' Abdillah vs Notaro Salvatore Cremona noe. et"**; is-sentenza datata 20 ta' Jannar 1986 fl-ismijiet **"Dr. Mario Rizzo maghruf bhala Dr. Mario Rizzo Naudi M.D. vs Direttur tar-Registru Pubbliku"**; is-sentenza datata 2 ta' Marzu 1994 fl-ismijiet **"John Zammit maghruf bhala John Edward Zammit Pace vs Direttur tar-Registru Pubbliku"** u s-sentenza datata 9 ta' Otturbu 1998 fl-ismijiet **"Mandy Lowrey vs Direttur tar-Registru Pubbliku"**, **"Leonard u Apollonia konjugi Ellul maghrufa bhala Ellul Mercer et vs Id-Direttur tar-Registru Pubbliku"** (P.A. (JRM) Cit.Nru: 1138/01/JRM - 21 ta' Marzu 2002), kollha jikkonfermaw dan tant li fl-ebda decizjoni hawn citata ma jirrizulta li sar tibdil tal-kunjom meta dan mhux konformi mal-ligi, fil-fatt mill-istess sentenzi jsegwi l-principju li talba ghall-korrezzjoni ta' kunjom tigi milqugha biss jekk jirrizulta li sar zball fir-registrazzjoni ta' tali kunjom u li l-kunjom li jkun qed jigi mitlub li l-attur ikun ser jaddotta ghaliex maghruf bih ikun konformi mal-provizzjonijiet legali fuq indikati u bil-mod kif indikat f'din is-sentenza wkoll.

Illi ghalhekk ghar-ragunijiet premessi, t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi filwaqt li tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut id-Direttur tar-Registru Pubbliku, anke inkwantu l-istess hija b'xi mod kompatibbli ma' dak hawn deciz, **tichad it-talbiet attrici** *stante* li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez kollha kontra l-atturi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------